**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Annise Bejaoui**

**Kumpilazzjoni numru 198/2017**

**Illum 11 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Annise Bejaoui** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 387889 (M) billi huwa akkuzat talli nhar is- 27 ta' April 2017, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs), minn ġewwa l-ħanut Bellisima, triq id-Duluri, Ħamrun:

Ikkommetta serqa ta' flus kontanti għad-detriment ta' George Zammit (ID. 251264M), liema serq huwa aggravat bil- mezz, u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentenżmu (2329.37); (Art. 261 (b) (ċ), 263 (a), 264 (1), 267, 279 (a), 289 tal- Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħadd'ieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' bieb ta' barra tal-ħanut Bellisima, triq id-Duluri, Ħamrun, għad-dannu ta' George Zammit (ID. 251264M), liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin Ewro (250). (Art. 325 (1) (ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Akkużat ukoll talli nhar it- 28 ta' April 2017, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' filgħodu (01:15hrs), minn ġewwa l-ħanut Mimi Mimi, triq in-Naxxar, San Ġwann:

Ikkommetta serqa ta' flus kontanti għad-detriment ta' Adrian Stivala (ID. 849453M), liema serq huwa aggravat bil- mezz, u bil-ħin, u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentenżmu (2329.37); (Art. 261 (b) (ċ), 263 (a), 264 (1), 270, 279 (a), 289 tal- Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok, u ċirkostanzi, minn ġewwa l-ħanut El Medina, triq in-Naxxar, San Ġwann:

Ikkommetta serqa ta' flus kontanti kif ukoll oggetti għad-detriment ta' Issam Chaar (ID. 18582A), liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil-ħin; (Art. 261 (b) (ċ), 263 (a), 264 (1), 270, 289 tal- Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok, u ċirkostanzi, naqas li jidher għall-ordni tal-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew naqas li josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti (Dr. A. Micallef Trigona LL.D.) fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur tal-Artiklu 579 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok, u ċirkostanzi, naqas li jidher għall-ordni tal-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew naqas li josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti (Dr. C. Stafrace Zammit) fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur tal-Artiklu 579 tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqek mill-Qorti tal-Magistrati Malta fil-15 ta' Marzu, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati

Malta, (Magt. Dr. F. Depasquale LL.D), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula, bi ksur ta' l-Artiklu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U finalment talli fl-istess perjodu taz-zmien u cikostanzi f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien instghab hati ta' reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jinbidlu.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Decide:**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, l-fatt li hu ricediv u li dawn ir-reati wettaqhom waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' tmien xhur prigunerija u is-sentenza sospiza ta' sitt xhur habs hekk kif moghtija nhar il-15 ta' Marzu 2016, mill-Magistrat Francesco Depasquale tidhol fis-sehh b'mod immedjat fejn b'kollox l-hati jrid jiskonta sentenza ta' erbatax (14) –il xahar prigunerija.

In konkluzzjoni l-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza ta' trattament b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.

Il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva biex jara li l-hati jinghata kull attenzjoni medika li hemm bzonn biex jeghleb il-vizzju li ghandu.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**